**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
(Spettur Antonello Grech)

**- vs -**

**Louis Farrugia** ta' 53 sena, iben George u l-mejta Georgia xebba Attard li joqghod 11, Dun Pawl Micallef Street, Rabat, Ghawex.
Karta ta' l-identita' numru 43847(G)

Illum 16 ta' Jannar 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-21 ta' Marzu 2001 fl-10.30a.m. u matul dawn l-granet, bhala sid ta' 'Tritons Restaurant', li jinsab fi Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Ghawdex, (1) naqas li jzomm il-post fejn jigi preparat l-ikel ghall-konsum tal-bniedem, skond il-htigijiet ta' dawn ir-regolamenti hawn taht imsemmija, (2) aktar talli espona l-ikel uzat ghan-negozju u ghall-konsum il-bniedem, ghar-riskju ta' kontaminazzjoni "ikel mahzun fi fridges m'humiex mizmuma nodfa u f'kundizzjoni tajba", (3) aktar talli naqas li jzomm il-kmamar fejn jinhadem l-ikel ghall-konsum il-bniedem f'kundizzjoni tajba "madum tal-hajt u madun tal-art imkisser u mizmum mahmug", (4) aktar talli naqas li jipprovdi l-friskatur ghall-hasil tal-idejn, presenti fil-kmamar fejn jinhadem l-ikel ghan-negozju ghall-konsum il-bniedem, b'fornitura ta' mishun, sapun u xugamani, (5) aktar talli naqas li jzomm il-kamra fejn jinhadem l-ikel ghall-konsum il-bniedem provduta bi 'flyscreens' u kwalunkwe provedimenti li bihom tkun hielsa mid-dubbien u nsetti ohra.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat il-Kap 231 u l-artikolu 50 ta' l-istess Kap;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

Ma taghmel l-ebda provvediment iehor stante li l-imputat ottempora ruhu.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur